# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-12 ta' Lulju 2023

**Rik. Gur. Nru.: 250/2018 JPG**

**Kawza Numru : 3**

**CG**

**Vs**

**MG**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' CG datat 24 ta' Settembru 2018 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

a. *Illi l-kontendenti partijiet iżżewġu nhar l-ewwel ta' Lulju tas-sena 2005 (01.07.2005) skont dak indikat fiċ-ċertifikat taz-zwieg li qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala dok A;*

b. *Illi l-kontendenti partijiet qabel iż-żwieġ kellhom tifla, H, li twieldet f'X kif jidher miċ-ċertifikat tat-twelid tagħha li qed jiġi hawn anness u mmarkat Dok 'B';*

c. *Illi l-kontendenti partijiet kellhom ukoll tifel, CH, li twieled f'Y kif jidher miċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu li qed jiġi hawn anness u markat bhala Dok C;*

d. *Illi l-ħajja konjugali bejn il-kontendenti partijiet m'għadhiex aktar possibbli riżultat ta' eċċessi manicci, theddid u inġurji gravi, kif ukoll saħansitra abbandun tal-obbligi matrimonjali impunibbli lill-intimata;*

e. *Illi minkejja li il-kontendenti partijiet ressqu għall-proċess ta' medjazzjoni darbtejn, huma ma wasslux għal ftehim għaldaqstant permezz ta' digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti quddiem l-Onorabbli Imħallef Abigail Lofaro data erba' u ghoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (24.7.2018) li jġib in-numru progressiv ta' 1531/18, il-partijiet ġew awtorizzati jipproċedu għas-separazzjoni minn ma' xulxin, kopja ta' liema digriet qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala dok D;*

f. *Illi attwalment huma ilhom iktar minn erba' (4) snin separati de facto tant li r-rikorrent kellu jħalli d-dar matrimonjali għaliex il-konvenuta kienet anke marret tagħmel għalih b'sikkina;*

g. *lli fl-ewwel medjazzjoni kienu nstemgħu wkoll it-tfal li jippreferu li joqgħodu mal-missier u kif jidher ukoll mid-deċiżjoni mogħtija minn din l-onorabbli Qorti quddiem l-Onorabbli Imħallef Abigail Lofaro fis-sitta ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (06.07.2017), ittra numru 465/16 li ordnat li t-tfal jirrisjedu ma' missierhom b'aċċess liberu għal ommhom li għandhom jiltaqgħu magħha meta jkunu jridu, kopja ta' liema deċiżjoni qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala dok E;*

h. *Ili l-partijiet kienu akkwistaw id-dar matrimonjali matul iż-żwieġ li tinsab 119, Flat 2, triq Pietru Pawl Caruana, Bormla;*

i. *Illi fl-istess flat kien fi stat diżastrus abbandun u kemm ir-rikorrenti kif ukoll missier ir-rikorrenti ħadmu u ommu ħafna xogħol fih waqt li l-missier ir-rikorrent barra l-ħafna xogħol għamel ukoll ħafna spejjeż minn tiegħu biex flimkien mar-rikorrent ġabu abitabbli.*

*Għaldaqstant, ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni meħtieġa u opportuna:-*

1. *Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan għaliex il-ħajja konjugali bejniethom m'għadhiex aktar possibbli minħabba adulterju imputabbli lill-konvenuta;*

2. *Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet;*

3. *Tiddikjara li l-konvenuta iddekadiet minn kull dritt għall-manteniment u tapplika l-provvedimenti ta' l-artikolu tmienja u erbghin (48) tal-Kodiċi Civili kap 16 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-konvenuta;*

4. *Tordna li l-konvenuta u tatiha żmien qasir u perentorju biex titlaq mid-dar matrimonjali u takkorda l-istess dar matrimonjali li r-rikorrent bħala proprjetà assoluta tiegħu;*

5. *Tagħti l-kura u l-kustodja tat-tfal H u CH li r-rikorrent b'aċċess liberu ghat tfal li jagħżlu jekk u meta jkunu jridu jmorru għand il-konvenuta ommhom.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimata li hija minn issa inġunt għas-subizzjoni*

Rat illi r-rikors promotur, id-digriet ta' din il-Qorti u l-avviz tas-smigh gie debitament notifikat skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata datata 10 ta' Dicembru 2018, a fol 39 et seq li taqra hekk:

1. *Illi huwa minnu li hu u r-ragel taghha CG izzewwgu fl-1 ta' Lulju 2005 u li minn dan iz-zwieg kellhom zewgt titfal jigifieri H ta' X sena u CH ta' Y sena;*

2. *Illi ma huwiex minnu li kienet l-esponenti li rendiet ruhha hatja kontra r-rikorrenti ta' eccessi, minaccji u ingurji gravi jew li shanasitra abbanduna d-dar matrimonjali taghhom. Illi fir-realta' kien l-istess rikjorrenti li qabad u telaq mid-dar u mar jghix mal-genituri tieghu peress li jhossu ghadu aktar tifel taghhom milli r-ragel mizzewweg tal-esponenti;*

3. *Illi huwa minnu ukoll li saru zewg proceduri ta' medjazzjoni izda fit-tnejn li huma ma waslux ghall-ftehim minhabba l-istess rikorrenti u kien proprju ghalhekk li sfortunatament waslu ghal dawn il-proceduri;*

4. *Illi huwa minnu li l-esponenti ilha aktar minn erba (4) snin separata de facto mir-rikorrenti u dan ghar-ragunijiet unikament imputabbli ghar-rikorrenti u mhux ghal-allegazzjoni fierha u bla bazi li l-esponenti aggrediet lir-rikorenti b'xi arma bil-ponta. Tant dan mhux minnu li r-rikorrenti minkejja li qabad u telaq u abbanduna d-dar xorta baqa jzomm ic-cavetta tad-dar u jigi d-dar meta rrid hin u hafna drabi minghajr pre-avviz ta' xejn. Dan zgur mhux agir jew komportament ta' xi hadd li huwa mbezza mill-esponenti;*

5. *Illi huwa minnu li l-Qorti ordnat li t-tfal jghixu mal-missier imma realta hija differenti ghaliex t-tfal jghixu mal-ommhom fid-dar taghha u l-esponent tiehu hsieb il-bzonnijiet kollha taghhom inkluz il-manteniment li r-rikorrenti ma jikkontribwixxi xejn. Li ghamel ir-rikorrenti hu li seraq il-passaporti ta' uliedhom mid-dar tal-esponenti u minkejja li talbithomlu ma riedx li jaghtihomlha biex tkun tista ssiefer ghall-btala ma uliedhom;*

6. *Illi ma huwiex li d-dar matrimonjali tinsab fi stat ta' abbandun u dan ghaliex l-esponenti flimkien ma uliedhom jghixu hemm f'ambjent tajjeb u nadif u l-istess esponenti kkontribwixxiet kemm materjalment u anke finanzjarjament sabiex il-appartament jkollu l-htigijiet kollha necessarji;*

7. *Illi l-esponenti jaqbel li dina l-Onorabbli Qorti tippronunzja -separazzjoni personali bejnu u bejn ir-rikorrenti zewgha CG izda dan minhabba ragunijiet fosthom adulterju, sevizzi, eccessi, theddid u inguri imputabbli biss ghar-rikorrenti kif ser jirrizulta mill-provi li ser jigu prodotti fil-mori tal-kawza;*

8. *Illi ma hemm ebda raguni l-kura u kustodja ta' H u CH t-tfal tal-konjugi G ghandha tkun f'data esklussivament f'idejn ir-rikorrenti CG ghaliex fir-realta' dawn jkunu aktar man-nanniet paternali milli mar-rikorrenti anzi l-esponenti topponi tali talba u titlob li kemm il-kura kif ukoll l-kustodja ghandhom jinghataw lilha bi dritt ta' access ghar-ragel taghha;*

9. *Illi l-esponenti dejjem hadet hsieb lill-uliedha u qatt ma warrabihom jew halliethom ghand familjari taghha kif ghamel u qieghed jaghmel ir-rikorrenti zewgha li jhallihom mall-genituri tieghu u ghalhekk hija toggezzjona li thallas xi retta alimentari ghat-tfal taghha meta dawn jkunu mal-missier u dan ghaliex hija l-esponenti li qeghda tiehu hsieb il-bzonnijiet kollha ta' uliedhom. Anzi din l-Qorti ghandha tordna hlas ta' manteniment ghall-uliedhom;*

10. *Illi hemm qbil dwar li tigi xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u li dina tigi likwidata izda ghandha tigi maqsuma f'porzjonijiet li jirriflettu l-htija tas-separazzjoni ta' bejn il-partijiet;*

11. *Illi fir-rigward tat-talba numru 3 l-esponenti tista tifhem ir-ragunijiet ghal din t-talba u dan ghaliex ir-rikorrenti dejjem kien iebes biex jghin finanzjarament u ghalhekk qedgha topponi li din t-talba tigi accettata mill-Qorti;*

12. *Illi l-esponenti toggezzjona ghat-talba numru 4 u dan ghaliex hija u uliedhom jghixu f'din id-dar u hija tiehu hsieb dak kollu li hemm bzonn u hija parti mill-hajja taghhom bhala nukleju familjari u ghalhekk dina r-raba talba ghandha tigi michuda bl-ispejjes;*

13. *L-esponenti joggezzjona li jigu imposti fuqu s-sanzjonijiet fid-dispozizzjonijiet ta' l-Artikoli 48 sa 51 tal-Kodici Civili liema sanzjonijiet fl-imsemmija artikoli tal-Kodicii Civili ghandhom jigu mposti fuq ir-rikorrenti CG minhabba n-nuqqasijiet tieghu kif ser jirrizulta;*

*Ghallhekk l-esponenti jitlob li t-talbiet kollha tar-rikorrenti maghmulha fir-rikors promotur u guramentat tieghu tal-24 ta' Settembru 2018 jigu michuda u dan bl-ispejjes kontra r-rikorrenti li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-kontrotalba ta' MG, datata 10 ta' Dicembru 2018, a fol 42, li taqra hekk:

1. *Illi l-intimata rikonvenuta qeghda tipprevalixxi ruhha mid-dritt ghar-rikonvenzjoni b'kontro-talba fl-Artikolu 396 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Illi nhar l-ewwel ta' Lulju 2005 (01/07/2005) il-partijiet ghaddew minn cerimonja taz-zwieg u dan skond lkif jidher mic-certifikat taz-zwieg bir-referenza 1119/2005 anness u mmarkat bhala Dokument "A" mar-rikors promotur li sar mir-rikorrenti rikonvenut;*

3. *Illi miz-zwieg il-partijiet rikonvenuti kellhom zewg itfal H li twieldet f'X qabel mal-partijiet kienu mizzewwga u CH li twieled f'Y kif jidher mic-certifikati mmarkat bhala Dokument "C" mar-rikors promotur tar-rikorrenti rikonvenut;*

4. *Illi hija l-hajja konjugali ta' bejniethom ilha ma ghadiex possibbli u dan b'rizultt ta' eccessi, ingurji gravi fosthom nuqqas anke ta' responsabilitajiet matrimonjali u nguri gravi u sahansitra anke abbandun d-dar konjugali taghhom u l-familja ghax hassu aktar komdu jghix mal-genituri tieghu;*

5. *Illi minkejja li skond digriet tal-Qorti diversament preseduta r-rikorrenti rikonvenut inghata li uliedhom jghixu mieghu fir-realta din hi ma sehhietx ghaliex t-tfal jghixu hafna granet mal-intimata rikonvenuta u dan stante li jhossuhom komdi jghixu ma ommhom milli ma missierhom fid-dar tal-genituri tieghu;*

6. *Illi l-partijiet kienu akkwistaw id-dar matrimonjali taghhom li tinsab 119 Flat 2, Triq Pietu Pawlu Caruana Cospicua matul iz-zwieg u l-intimata rikonvenuta flimkien ma uelidhom jghixu hemm ghaliex dak huwa l-ambjent familjari taghhom. Inoltre l-esponenti ghamlet xoghol kemm materjali, kemm finanzjarju u anke personali biex dan il-fond gie rrangat;*

7. *Illi matul il-perjodu li r-rikorrenti rikonvenut abbanduna d-dar matrimonjali taghhom u dan issa ilu aktar minn erba snin huma ma ikkontribwixxa xejn ghall-manutenzjoni tad-dar matrimojnali u lanqas b'mod regolari ghall-manteniment ta' uliedhom u tal-intimata rikonvenuta;*

***<u>Talbiet tal-intimata rikonvenjent.</u>***

*Ghaldaqstant l-intimata rikonvenjenta umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet hawn premessi u prevja kull dikjarazzjoni opportuna:-*

1. *Tiddeciedi s-separazzjoni personali bejn il-kontendneti u dan ghar-ragunijiet*

*unikament imputabbli ghar-rikorrenti rikonvenut u tiddikjara x-xoljment tal-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;*

2. *Tiddeciedi u tiddikjara li l-kura u kustodja tal-minuri H li twieldet f'X u ta' CH li twieled f'Y tkun fdata lill-intimata rikonvenuta b'access liberu ghar-rikorrenti rikonvenut li zda H jkollha l-ghazla ta' jekk u meta tkun trid tara lir-rikorrenti rikonvenut u l-access isir dejjem bl-ulied jkunu flimkien.*

3. *Tiddikjara li l-appartament 119, Flat 2 Triq Pietru Pawl Caruna Cospicua ma ghadux d-dar matrimonjali tal-partijiet u tordna li dina tkun r-residenza tal-intimata rikonvenuta li tibqa tghix ma uliedhom ghad-eskluzzjoni tar-rikorrenti rikonvenut;*

4. *Tifissa retta alimentari ghaz-zewg minuri H li twieldet f'X u ta' CH li twieled f'Y u dan sal-eta' permessibbli bil-ligi u retta alimentari ghall-intimata rikonvenuta;*

5. *Tiddikjara li r-rikorrenti rikonvenut iddekada minn kull dritt ta' manteniemnt u tapplika l-provvedimenti kollha tal-Artikolu 38 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta);*

*Bl-ispejjez kollha komprizi dwk din il-kontro-talba u bl-imghaxx legali skond il-ligi, kontra r-rikorrenti rikonvenut li minn issa ngunt biex tdher personalment ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta tal-attur datata 2 ta' Jannar 2019, ghall-kontro-talba tal-intimata, vide fol 47;

1. *Illi Kif qal fir-rikors tiegħu il-ħajja konjugali ta' bejniethom m'għadhiex aktar possibbli u dan għal kuntrarju li qalet li l-konvenuta hawn biss b'riżultat ta' adulterju eċċessi minaċċi theddid u inġurji gravi fosthom nuqqas ta' responsabbiltajiet matrimonjali u inġurji gravi mill-istess konvenuta kif se jiġi ppruvat waqt il-mori tal-kawża;*

2. *Illi għal kuntrarju ta' dak li qalet il-konvenuta huwa kellu jħalli d-dar matrimonjali minħabba biża' għal ħajtu meta hija kienet aggredietu flimkien*

*ma' bintha ST u f'idejha kellha b'sikkina u iktar tnissel ferħ biża' għal ħajtu meta skopra li hija kienet qed torqod b'sikkina taħt l-imħadda tagħha u meta jkun rieqed ma kienx x'jista jigri u mhux ghaliex kien ihossu iktar komdu jghix mal-genituri tieghu.*

3. *Illi huwa zamm cavetta tad-dar matrimonjali għaliex għandu dritt għaliha u għandu dritt imur hemmhekk bla ebda preavviż u ma jkunx rieqed hemmhekk bil-lejl bil-periklu għalih personali li huwa diġà rrileva;*

4. *Illi huwa jerġa' jiddikjara kif anki kollaborat bl-affidavits ta' AG u TG, illi uliedhom jgħixu miegħu għand il-ġenituri tiegħu kif kienet ordnat minn onorabbli qorti diversament preseduta u mhux veru li jgħixu hawn m'ommha. Tant li meta għażlu li jgħixu ma' missierhom;*

5. *Illi bħala riżultat tal-għażla tagħhom u biex ma joqgħodx jirrepetix għamlet il-konvenuta lit-tfal tagħhom lit-tfal tagħhom għaliex ikunu għażlu li jgħixu miegħu huwa jirreferi għall-affidavit ta' AG u wara affidavit ta' therese galea;*

6. *Illi huwa jerġa' jiddikjara li mhux veru li t-tfal joqogħdu ma' ommhom M fid-dar matrimonjali li tinsab 119 flat 2 Triq Pietru Pawl Caruana Cospicua imma miegħu għand il-ġenituri tiegħu;*

7. *Illi mhux veru illi huwa kontribut ma kkontribwixxa xejn għall-manteniment ta' wliedhom tant li huma jgħixu ħajja miegħu infushom ma kkontribwixxa xejn għall-manteniment ta' wliedhom tant li huma jgħixu ħajja miegħu infushom mija fil-mija huwa jħares għall-bżonnijiet kollha tagħhom, huma jghixu mieghu u huwa jhallas għall-bżonnijiet kollha tagħhom u jirreferi għal affidavit tiegħu, ta' AG u TG.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti rikonvenut umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti biex previa kull dikjarazzjoni li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u mehtiega u opportuna, tichad it-talbiet kollha tal-konvenuta li hija ghamlet fil-kontro-talb taghha u tikkoferma t-talbiet kollha li huwa ghamel fir-rikors teighu kif ukoll tiddeciedi u tiffissa retta alimentari ghal ulied il-kontendenti sal-eta' permessibbli*

*bil-ligi u tordna lill-konvenuta thallas l-istress retta alimentari.*

*Bl-isepjjez kollha u bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi kontra l-konvenuta li minn issa hija ingunta biex tidher personalment ghas-subizzjoni.*

**Ikkonsidrat:**

Fl-ewwel affidavit tieghu, l-attur xehed illi l-intimata kienet inqabdet tqila wara hames xhur li bdew ir-relazzjoni flimkien. L-intimata kellha tifla, mil-ewwel zwieg taghha. L-attur xehed illi ftit wara dan , mar jghix mal-intimata fir-residenza taghha gewwa Hal Tarxien, mat-tifla taghha Sarah. Wara dan, il-koppja marru jghixu go appartament Hal Safi. Sussegwentement kienu zzewgu fl-ewwel ta' Lulju 2005 (01.07.2005);

Ftit wara li kienu xtraw Flat 1, Triq Pietru Pawl Caruana Bormla, li kien fi stat hazin u missieru u hu kienu rrangawh biex igibuh abitabbli. L-appartament inxtara bejn il-kontendenti li hadu loan mal-HSBC sabiex inxtara. L-attur xehed li hu kien jahdem bhala Technician ma Code M Systems. Wara x-xoghol u fil-weekends, kien jahdem ma missieru fuq l-appartament, sabiex jirrangawh.

L-attur xehed li beda jahdem ma KSL Hal Qormi, waqt li M ndiet tahdem ma' Casino Di Venezia bir-roster u gieli kienet tasal tard bil-lejl, u cioe sas-saghtejn tal-filghodu (2.00am). Wara li ghalaq il-Casino, bdiet tahdem ma' Teckno Cleaner u imbaghad ma I Gaming Unibet. M kienet tahdem part-time ukoll go bar *Summer Nights*, Wied il-Ghajn.

L-attur jghid illi darba minnhom ra lil martu bilqieghda s-*Summer Nights* ma ragel ta nazzjonalita Gharbija. Mitluba taghti spejgazzjoni ghall-ghemila, l-intimata qaltlu li dan kien semplice klijent tal-bar. L-attur pero xehed li kien ra lil dan l-Gharbi diversi drabi, u darba minnhom sahansitra ikkonfrontah izda dan l-Gharbi cahad li kien jaf lill-martu.

L-attur xehed illi ftit wara kienu xtraw Ford Fiesta ghal €8,600 euros, xehed illi darba fost l-ohrajn, waqt li kienu f'Farmhouse, Ghawdex ghat-tlielaq tad-Drifting, l-intimata kienet telghat fil-kamra taghhom u damet hemm ghal zmien konsiderevoli, tant li l-attur tela' jfittixha. Fil-fatt sabha bil-mobile f'idejha u kienet inhasdet. L-attur kien iccekkja il-mobile ta' M u sab l-ahhar telefonata li kienet ghamlet, u ha n-numru ta' dik il-persuna li kienet indikata bhala

persuna tas-sess femminil. Meta sussegwentement cempel fuq dan in-numru irrisponda ragel b'accent gharbi.

L-attur kien gharaf li dan ir-ragel ta' nazzjonalita' Gharbija, certu MAM f'hanut tax-xorb, u rega' cempel fuq in-numru li kien ha mill-mobile ta' M, u MAM kien qabad u rrisponda t-telephone tieghu.

L-attur isostni illi dan kien l-istess ragel illi kien ra bilqieghda ma M f'*Summer Nights*. L-attur xehed illi kien ipprova jkellem lil martu izda hija qaltlu li ma kienet thoss xejn ghalih u li kienet thobb lil dan l-Gharbi. Il-familjari ta' M, marru jkellmuha izda M saret vjolenti, aggrediet lill-ommha u telqet 'l barra minn darha. L-attur xehed illi kien sahansitra anke cempel lil genituri tieghu. Isostni wkoll illi hu kien baqa' icempel lil martu li fl-ahhar irrispondietu, kienu tkellmu wahidhom u kienu regghu irrikonciljaw. L-attur jghid illi minkejja dan, ma tantx baqa' jafdah u li allura kien qieghed *tracker*, fil-karozza Ford Fiesta u ghalhekk kien induna li martu kienet ghadha tiffrekwenta lil MAM meta din suppost kienet tkun xoghol. L-attur spjega illi l-kontendenti kienu jilletikaw spiss u l-intimata kienet ssir vjolenti, tant li darba minnhom ghamlet ghalih b'sikkina u dana bl-ghajnuna ukoll ta' bintha S. L-attur xehed ukoll illi meta nduna li l-intimata kienet qed torqod b'sikkina taht l-imhadda taghha, iddecieda li jitlaq mid-dar.

Wara tlett xhur, l-attur sostna li l-intimata kienet talbitu jirritorna d-dar, filfatt ghamlu xi tlett gimghat jitlaqghu u l-intimata gieli marret torqod fil-flat tieghu f'Birzebbugia. Darba fost l-ohrajn, l-intimata kienet spiccat minghajr *battery charge* fil-*mobile*, u talbet lill-attur jiccargja il-*mobile* mit-*Tablet* tieghu. Hekk sar, u l-attur nduna li l-intimata kienet baqghet '*logged in'* u meta dahal fil-messaggi taghha, sab illi hija kellha kuntatti ma hafna rgiel. Ftit wara fl-incident fejn kien inqatgha d-dawl ta' Malta kollhu waqt li huwa kien mar ifittex lill-martu, fid-dar matrimonjali, ma sabhiex hemm. Wettaq tfittxija u sabha fil-Flat ta' MAM u wara li habbat il-bieb, sema' lill-martu tghid lil MAM li kellu jgib sikkina biex jiddefendi ruhu. Kienu ghamlu rapport l-ghassa tal-pulizija izda sussegwentement il-kontendenti kienu cedew il-proceduri kriminali kontra xulxin. L-attur jghid illi wara xi zmien, l-intimata ma baqghet fir-relazzjoni ma' MAM u bdiet tohrog ma Tunezin. Sussegwentement bdiet il-medjazzjoni bejn il-kontendenti u t-tfal gew mitkellma mill-Avukat tat-Tfal nominat mill-Qorti, li akkordat r-residenza primarja tat-tfal lill-missier u cioe, CG. Meta l-intimata saret taf b'dan, kienet iggranfat ma wicc H u rrifjutat li tghaddi il-hwejeg jew gugarelli tat-tfal, inkluz il-playstation.

L-attur xehed li huwa kien kostrett li jixtri hwejjeg godda ghat-tfal, waqt li l-genituri tieghu xtraw playstation ghal CH.

L-attur kien ghamel rapport lill-Puluzija dwar il-griehi fuq il-minuri H u l-attur jsostni li l-Qorti kienet widdbet bil-qawwa lill-intimata.

F'dan iz-zmien l-intimata kienet tat struzzjonijiet sabiex il-paga taghha ma tibqax tidhol fil-kont bankarju kongunt tal-kontendenti.

Wara xi zmien, l-attur jghid li CH beda jaqghalu xaghru u l-intimata kienet qalet li hadet lit-tifel l-ewwel Mater Dei imbaghad St James minnhaba il-kundizzjoni ta' xagharu u riedet li l-attur jhallas l-ispejjes kollha.

Xi granet wara, CH beda jghid lill-attur li ma riedx imur aktar ghand ommu il-ghaliex kienet wegghatu billi ghorkot it-tewm ma rasu. L-attur nelfrattemp tkellem ma Dr Alan Gatt li infurmah li l-attur kellu jkellem lil Kap tal-Iskola tat-tifel fejn gie skopert li kien hemm kas ta' *bullying*. L-attur ilmenta illi kien mar d-dar matrimonjali darba fost l-ohrajn u sab lil gharus ta' S fis-sodda u widdeb lil martu li ma riedx irgiel fid-dar matrimonjali. Ilmenta wkoll li M ma kienitx qed thallas l-*insurance* fuq l-loan u kellhom johoru *insurance* godda diversi drabi. Di piu' l-intimata kienet habtet bil-karozza u bieghet l-istess karozza ghal- €200. L-attur kkonkluda li martu, kienet tahti ghat-tifrik ghaz-zwieg taghhom minhabba adultejru u l-attitudni taghha fil-konfront tieghu u tat-tfal.

AG, missier l-attur fl-ewwel affidavit tieghu, xehed li t-"tifel" tieghu l-attur kien iltaqa' mal-intimata meta hija kienet ghadha mizzewga ma Tunezin li kien inkarcerat u kellha tifla jisimha S. Jghid illi dawn il-fatti kienu gew mistura lilhom ghal zmien konsiderevoli u l-intimata kienet tirreferi ghal S nhala kugina taghha.

F'Marzu 2002 l-intimata kienet infurmathom li kienet mizzewwga, li S fil-fatt kienet bintha u li l-intimata kienet tqila b'tarbija minn tal-attur. Din it-tarbija kellha tigi registrata fuq kunjom ir-ragel tal-intimata. Infatti l-attur kellu jintavola proceduri legali sabiex il-minuri H tiehu kunjom l-attur.

AG xehed li kien ta parir lil ibnu biex jaghmel DNA test fuq it-tarbija, biex jaccerta ruhu mill-paternita tal-istess tarbija. A. Galea, xehed illi mat-tqala ibnu l-attur kien mar jghix mal-intimata fil-flat taghha Hal Tarxien mat-tifla S. **Jikkonferma illi kemm hu kif ukoll martu kienu haduha bi kbira hafna.** Meta twieldet H, hu u martu kienu xtraw parm b'valur ta' LM150, bhala rigal lill-kontendenti.

Meta H kellha sena u peress li l-attur kien jahdem Haz-Zabbar vicin fejn joqghodu AG u martu, AG kien imur ghal H kif jispicca xoghol u johodha dar tieghu, fejn l-attur kien jigborha meta jispicca xoghol. Dan kien isir ta' kuljum.

> Xi zmien wara, il-kontendenti kienu marru jghixu Hal Safi, f'dan iz-zmien, M kienet kisbet l-annullament tal-ewwel zwieg taghha. F'Awwissu 2004, AG u martu marru l-Ingilterra ghal-btala u pprometew lil H li meta jergghu jsiefru jehduha maghhom. Ftit wara dan, l-intimata kienet inqabdet tqila u welldet tifel, CH u AG u martu kienu jzommu lil dan it-tifel kuljum ghandhom. Meta sar DNA test fuq H, kien hemm suggeriment li dan it-test ghandu jsir ukoll fuq CH, izda l-intimata ma accettatx. Minhabba li M kienet tahdem, AG u martu, kienu jzommu lil H waqt li l-intimata kienet tkun xoghol. Gieli gara li ghalkemm M ma kienitx tkunx xoghol, H kienet titlobha biex tmur ghandhom. AG jghid illi kien iwiddeb lill -kontendenti sabiex jirregolarizzaw il-posizzjoni taghhom. Isostni li meta filfatt il-kontendenti kienu zzewwgu fl-1` ta' Lulju 2005, AG u martu kienu hallsu ghar-riceviment. AG xehed li sussegwentement il-kontendenti kienu sabu flat u thajjru jixtruh. Dan il-flat kien fi stat hazin u AG kienu imur kuljum jahdem fil-flat biex jigi abitabbli.

AG jghid li maz-zmien, beda jara certu ghemil da parti tal-intimata, li qanqlitlu suspett li l-intimata kellha wicc haddiehor. Filfatt iz-ziju tal-istess intimata, certu GB kien qallu li M kellha relazzjoni ma Ingliz. Di piu', meta AG u martu kienu izuru lill-kontendenti, kienu isibu lil M liebsa lbies li ma jixraqx lil mara mizzewga u kienet tohrog. AG jirrakkonta okkazzjoni fejn M informat lill-zewgha li kellha ikla ta-xoghol pero rawha barra wahiha, kien papqpilha ragel f'karozza izda dan baqa' sejjer u AG jissuspetta li M kienet gharfet il-karozza tieghu. AG xehed illi gidba ohra li kienet qaltilhom M, kienet tikoncerna il-paternita' taghha ghaliex missierha fil fatt kien EB u mhux H kif kienet infurmathom.

AG stqarr li l-kontendenti kienu jiggieldu ta' spiss izda wara kienu jirrangaw. Jghid ukoll li S kellha *boyfriend* li kienet ddahhlu d-dar u dan rabba' hafna arja u kien joqghod b'zaqqu barra fid-dar, haga li l-attur ma kellux pjacir biha. AG xehed illi waqt li S u M kienu jsajjru ghal dan il-gunvni, meta kien jigi l-attur id-dar ma kien issib xejn lest u kien ikollu jsajjar hu. AG jghid li 'it-tifel'(l-attur) kien cempillu darba fost l-ohrajn u nstema' agitat hafna u talbu jinzel ghandu. Meta wasslu, sabu l-familjari tal-intimata presenti izda l-intimata kienet telqet mid-dar. Omm M qalet lil martu li M kienet aggredietha bi flixkun tal-fwieha.

L-attur beda jipprova jcempel lil M sabiex din tirritorna d-dar, kif filfatt ghamlet. AG jghid li wara dan l-incident, l-intimata ma tantx kienet tiehu gost meta AG u martu kienu jzurhom.

Dak iz-zmien, M kienet tahdem f'Casino di Venezia u kellha relazzjoni ma' Ingliz. Wara li ghalaq il-Casino, M bdiet tadhem ma Teckno Cleaning u ma I Gaming, waqt li *part-time* kienet tahdem *Summer Night*, Wied il-Ghajn. Hawn kellha relazzjoni ma MAM, kellha ukoll relazzjoni ma persuna li kienet tahdem bhala *Security Guard*, il-Park Nazzjonali ta Ta Qali. AG xehed illi maz-zmien, beda jara lil H u CH anzjuzi mdejqa, u kkonfronta lill-attur. Dan qalilhom li M u S kienu aggredewh u li M sahansitra hebbet ghalih b'sikkina f'idejha, ghalhekk l-attur kien kostrett johrog mid-dar konjugali u mar jghix f'post iehor Birzebbugia.

CH dak iz-zmien ma kienx imur skola u kien ikun irid jibqa ghandhom. Meta kienet tmur ghalih ommu, ma kienx ikun irid imur maghha. AG jghid li minkejja dana kollu, l-attur kien ippova jirranga ma' martu M li gieli marret l-flat ghandu Birzebbugia.  F'okkazzjoni wahda, l-attur kien mar fid-dar matrimonjali waqt li kien hemm "blackout" u ma sabhiex, baqa jfittixha u sabha fil-flat ta' MAM.

AG xehed illi wara diversi xhur r-relazzjoni ma MAM waqfet izda l-intimata qabdet relazzjoni ma Tunezin AK.

L-intimata kienet informat lill-attur li kienet ser issiefer lejn l-Ingilterra izda wara skoprew li fil-fatt kienet marret it-Tunezija ma AK.

Kienet hajret it-tfal biex isiefru maghha lejn l-Ingilterra izda l-attur beza li kienet ser tehodhom it-T.

AG xehed li minkejja li kien hemm arrangement li t-tfal jorqdu darba ghandhom u darba ghand M – gara li minhabba li t-tfal jkunu kostretti jqumu aktar kmieni ghall-iskola ddecidew li t-tfal jibqghu jorqdu ghandhom.

AG xehed li meta nduna li CH kellu riluttanza li jmur jorqod ghand ommu ghaliex kien ikun hemm AK, t-tifel kien infurmah li AK kien messlu l-parti privata tieghu. L-attur ha lill-ibnu CH ghand l-Appogg izda t-tifel ma qallhom xejn. AG hassu ddisappuntat hafna mil-mod kif saret l-investigazzjoni.

AG xehed li t-tfal gew mitkellma mill-Avukat tat-tfal. Meta l-intimata indunat li t-tfal ghazlu lil missierhom ggranfat wicc H u l-attur ghamel rapport l-Ghassa tal-Pulizija.

Minn dak inhar, t-tfal baqghu jghixu ghandhom. AG xehed li H illi tfajla u baqghet tistudja u meta tispicca l-iskola daqqa tmur ommha ghaliha u daqqa tigi ghaliha mid-dar taghhom.

TG omm l-attur kkonfermat x-xhieda li ta zewgha AG b'mod dettaljat -  kwazi identiku.

L-attur ipprezenta kopja ta rapport tal-Pulizija Fol 52 – 62 -; kopja tal-HSBC Student Bank Account H 30/07/2018 for 63 u kont tad-Dawl page 64.

AG xehed viva voce a Fol 64 et seq li kkonferma dak li xhed fl-affidavit tieghu.

AG rega' xehed a Fol 72 u stqarr li kien inkwetat fuq it-tifel u l-ugiegh ta' ras li kien qed jkollu ta' sikwiet.

MG xhedet li kienet haditu ghand it-tabib li qallha li t-tifel CH kellu nuqqas ta' rqad.  M xehdet li t-tifel kien dejjem fuq il-*playstation*. AG xehed li ghamel appuntament ghand it-tabib halli jezminaw ghajnejh.   Kkonferma li ma informax lil M b'dan ghax  haseb li kienet avzatha H.

AG kkonferma li t-tfal jqattghu l-bicca kbira tal-gimgha ghandhom (Vide Fol 74). AG xehed li CH qallu li xtaq jikkometti suwicidju izda ma qallhomx ghalfejn.

TG xehdet viva voce Fol 78 u regghet tenniet dak li xehdet fl-affidavit fuq il-fatt li l-intimata kienet gja mizzewga b'tifla u hbiet dana kollu; fuq l-ilbies mhux xieraq, da parti tal-intimata; li t-tfal kwazi kienu dejjem ghandhom; dwar il-fatt li CH beda jaqalghu xaghru u kif ma riedx jzur lil ommu.

TG kkonfermat li t-tifel ta' spiss jkun fuq il-"computer" jew fuq il-"*playstation*" jilghab loghob li jkun xtralu missieru u nannuh, jew fuq il-mobile.

CG viva voce fol 86 et seq xehed illi meta t-tifel beda jitkellem fuq suwicidju qallu li dan kien ghaliex hu u martu kienu qed jissepparaw, l-attur hadu ghand Dr Nigel minkejja li l-intimata oggezjonat.

L-attur permezz tan-nota fit-28 ta' Gunju 2019 fol 90 ezebixxa kopja tal-ittra legali mibghuta lill-konvenuta dwar xoghijiet fid-dar matrimonjali minghajr il-permess tieghu; digriet 6/7/2017 Imhallef Lofaro, kopja ta' rapport tal-Pulizija, statement HSBC dwar hlas ta' insurance fil-house loan.

CG rega' xehed fl-1 ta' Novembru 2019 Fol 126, xehed li t-tfal jmorru ghand l-intimata wara l-iskola u mbghad jorqdu ghand in-nanniet paterni fejn in-nannu jwassallhom l-iskola l-ghada filghodu.

Xehed li jorqdu ghand l-intimata darba sa darbtejn fil-gimgha.

L-attur xehed li dik il-gimgha t-tfal raqdu tlett iljieli ghand l-intimata u li l-intimata bdiet tehodhom fil-weekends ukoll.

MG xehdet illi t-tfal jorqdu ghandha bejn tlieta u erba' darbiet f'gimgha u tat lill-Qorti skeda tal-iljieli li raqdu ghandha t-tfal u dejjem kielu ghandha ghax dejjem sajjriltilhom. Di piu' tixtrilhom il-bzonnijiet tal-iskola kollha u hi tohodhom postijiet ta' divertiment – bhal *Splash and Fun* fejn jaraw id-*dolphins* u *weekend breaks*. Taghmel kollox ghat-tfal u toqghod nieqsa hi sabiex tkun tista' tixtrilhom.

L-intimata xehdet illi kienet rrangat biex it-tifel jmur l-iskola b'E Cab skond is-sitema tal-Gvern u mieghu kien hemm tlett itfal ohra fil-E Cab u l-attur oggezzjona.

L-intimata xehdet illi dan ghamlitu ghaliex minn mindu infirdu l-kontendenti u minhabba x-xoghol taghha mhux dejjem tkun tista' twassalhom l-iskola. Xehdet li hija dejjem ippreparat breakfast tajjeb ghat-tfal taghha u dejjem ppreparatilhom il-lunch.

L-intimata xehdet illi l-attur qed jghaddi lill-genituri tieghu 300 Ewros fix-xahar bhala manteniment.

Xehdet li ghal kuntrarju, l-attur qatt ma hallas one cent versu l-manteniment ta' uliedu u kienet dejjem hi li hallset ghal bzonnijiet kollha ta' uliedha whadiha. Dejjem hadmet u dejjem halset sehma mill-*home loan*.

TG riprodotta xehdet fit-22 t'April 2020 Fol 144 u xehdet illi t-tfal jkunu maghha fil-bicca l-kbira u mhux mal-intimata.

AG fl-ahhar affidavit tieghu Fol 148 ta lista tal-hinijiet u granet li t-tfal jkunu mieghu u ma martu (nanniet paterni) – Fol 149 – 152. Ikkonferma li l-attur jghaddilu 250 fix-xahar biex jtaffi l-ispejjez tieghu u ta' uliedu.

In kontro-ezami l-attur ikkonferma (Fol 216 et seqq) li meta l-intimata harget tqila huwa mar jghix ghandha f'Hal Tarxien.

Ikkonferma wkoll li l-genituri tieghu kienu oggezzjonaw li huwa jizzewweg lill-intimata fil-fatt ma hargix mid-dar tal-genituri biex jizzewweg. Kkonferma pero' illi sussegwentement il-genitur kienu hallsu ikla tat-tieg.

**Ikkonferma illi l-home loan dejjem thallset miz-zewg kontendenti u l-intimata dejjem hadmet.**

Kkonferma li hu u missieru kienu ghamlu x-xoghlijiet fid-dar matrimonjali l-intimata kienet ghenithom darbtejn.

Mistoqsi, l-attur xehed li ma kienx jaf kemm kienet ilha zzomm is-sikkina taht l-imhadda, izda meta nduna kellu jiehu decizjoni u telaq mid-dar matrimonjali. Xehed li ma tantx kienu jitkellemu dak iz-zmien u hi dejjem kienet "tahrablek mill-kliem".

L-attur innega li kellu *hobby* tal-*playstation*. Mitlub jghid jmurx ghand shabu biex jilghab il-playstation rrisponda "mhux daqshekk" Fol 222. L-attur xehed li t-tfal kienu dejjem jigu ghandu B'Bugia fil-bidu, izda jorqdu ghand il-genituri tieghu li kienu jghixu vicin l-iskola tat-tfal.

Innega li waqt il-Covid it-tfal kienu joqghodu ghand l-intimata aktar milli ghand il-genituri tieghu.

Kkonferma li c-*Children's allowance* qed tehodhom l-intimata u li hu tilef il-kawza dwar dan fl-Appell.

Dwar l-ispejjez tal-edukazzjoni l-attur ikkonferma li huwa ma jhallasx ghaliex l-intimata qatt ma tatu rcevuti. Fol 225.

L-attur ikkonferma li ma ried ebda ragel jidhol fid-dar konjugali inkluz l-gharus ta' S u kkonferma li baghat ittra legali dwar dan lill-intimata.

Kkonferma li l-hinijiet tax-xoghol tieghu huma mill-5.30 am sas-2.00 p.m.. Xehed li gieli hadem tard ghax ikun *overtime* izda nnega li kien jkun ghand il-hbieb. Mistoqsi jekk it-tfal jkunu aktar mal-genituri milli mieghu, l-attur jghidu li huwa ilu jghix ghand il-genituri tieghu erba' snin. Sostna li l-genituri tieghu jindokraw lit-tfal.

L-attur cahad li qatt hareg ma tfajliet jew nisa. Xehed li ma zammx il-flat ta' b'Bugia ghaliex ma setghax jkampi bl-ispejjez.

Dwar l-ID tat-tifla H xehed li din kellha bzonn ID u ghamlitha fuq Haz Zabbar u AG mar maghha. L-attur xehed li ma dehrlux li kellu javza lill-intimata dwar dan.

Kkonferma li l-intimata biddlet ic-cavetta tal-flat u tat c-cavetta lil bintu li ghaddietha lilu.

Kkonferma li meta H fethet kont bankarju kien akkompanjaha nannuha.

Riprodott in kontro-ezami a Fol 240 xehed illi kemm hu ilu separat qatt ma hallas ghall-manteniment ta' uliedu ghaliex t-tfal ghexu ghand il-genituri tieghu.

AG in kontro-ezami Fol 241 kkonferma li t-tfal kienu jiehdu hsiebhom hu u mantnu u l-attur kien itihom 250 Ewro fix-xahar. Kkonferma li l-informazzjoni dwar missier M hadha minn zijuha GB. Kkonferma wkoll li meta ha t-tifel ghand it-tabib ma nfurmax lill-intimata ghaliex ma kienux jitkellmu.

Mistoqsi jekk meta CH kellu 3 snin hadux f'hanut tal-armi tan-nar AG xehed li kien hadu wara. Kkonferma li meta l-intimata qalet lit-tfal li ma kienx ser tatihom hwejjighom u l-playsation, l-attur kien xtralhom kollox gdid u hu kien ser jixtrilhom *playstation* – u hekk ghamel.

AG rega' kkonferma illi hu u martu jiehdu hsieb it-tfal. Mistoqsi dwar il-passatemp tal-attur, AG xehed li l-attur ghandu l-passatemp ta' tlielaq ta' Drifting u dan fil-*weekends*.

Xehed illi l-attur kellu relazzjoni ma terza persuna cioe CD u apparti CD kellu xi relazzjonijiet ma xi zewg persuni ohra.( Fol 244 dorso). AG xehed ukoll li kien avvanza xi flus sabiex H tixtri karozza, u kien hu li akkompanjaha biex tiftah kont bankarju.

TG in kontro-ezami Fol 257 et seqq kkonfermat li hija ma tafx tikteb jew taqra u allura ghamlet l-affidavit taghha flimkien ma zewgha AG.

Kkonfermat li l-kontendenti kellhom lil H u mbghad izzewgu u l-attur hareg mir-residenza fejn kien joqghodu l-kontendenti u mhux minn darha. TG kkonferma li zewgha qalilha li GB informah li l-intimata kellha relazzjoni ma Ingliz. TG kkonfermat li l-ID ta' CH sar fuq l-indirizz taghhom – u kkonfermat li ma nformatx b'dan lill-intimata waqt li l-ewwel indirizz, fl-ID ta' H kien inbidel biex jkun fl-indirizz tal-intimata.

Xehdet li meta jiehu t-tfal ghand it-tabib jinfurmaw lill-attur u mhux lill-intimata. Kkonfermat li t-tfal aktar jghixu ghandhom milli ghand ommhom u li huma jindukraw lit-tfal ghax missierhom tkun xoghol.

Dwar is-safra tal-intimata, TG xehdet li dan tafu min dak li qalilha l-attur u kkonfermat li ma qaltix lill-intimata li kienet ser tixtri playstation lil CH. TG xehdet li ma kienetx taf li l-intimata ma riedetx lil CH jqatta hafna hin fuq il-playstation, u hi u zewgha xtraw wahda ohra ghal CH.

Fl-affidavit taghha MG (Fol 262) xehdet illi l-attur qatt ma riedha tinforma lill-genituri tieghu li hija kienet mizzewwga u qeghda tissepara u qalilha li kellha ttihom cans – "halli l-ewwel jidrawk" qabel ma tinformahom. Wara xi tlett xhur relazzjoni, hija kienet harget tqila u kienu marru biex jinformaw lill-genituri tieghu b'dana kollu. Ir-reazzjoni tal-genituri tal-attur kienet li ma riedux jkunu jafu bi C. Pero' maz-zmien accettawhom u kif kisbet l-annullament izzewwgu. Il-genituri pero ma rieduhx johrog mid-dar taghhom biex jizzewweg.

Meta H kellha biss disa' xhur, l-attur qabad certu kunfidenza mal-kugina tal-intimata li kellha biss 13-il sena u hi kienet tampar it-tifla taghha S. Ohtha qaltilha ukoll li rathom flimkien fil-karozza filghaxija.

Xehdet li l-attur kien dejjem fuq il-computer sat-3.00 ta' filghodu u jinqafel fil-kamra u hadd ma seta juza il-*computer*. Xehdet li waqt li kien veru li l-genituri kienu hallsu ghall-ikla tat-tieg taghhom, hija setghet tistieden biss zewg zijiet u tlieta minn hutha.

Xehdet illi fil-*honeymoon*, l-attur insista li l-kugina taghha takkompanjahom halli tkun ta' kumpanija ghal S. L-attur biddel x-xoghol tieghu u beda jahdem ma V u hemm ghamel hbieb mat-tifel tas-sid u kien jmur ghandu jilagbu il-*playstation*. Meta telaq mid-dar, telaq ghax kellu relazzjoni mal-habiba Tedeska tal-gharusa ta siehbu. Wara xi zmien l-attur tkecca mix-xoghol fuq kas ta' serq u gew sekwestrati l-flus tal-intimata ukoll.

L-intimata tistqarr li kieku veru li telaq ghax kienet zzomm s-sikkina taht l-imhadda, l-attur kienu jiehu lit-tfal mieghu u mhux ihallhom fil-'perikolu'. Tafferma li qatt ma raqdet b'sikkina taht l-imhadda. Meta l-attur hassar minn mal-Tedeska, l-attur talabha jergghu jirrikonciljaw izda waqt li hija kienet tmur ghandu Birzebbugia, **hu qatt ma ried jirritorna fid-dar konjugali**.

Fil- birthday ta' CH, wara l-ikel, l-attur informa lill-intimata li ma kienx qed jhossu komdu maghha, li kien ghadu jhobb lil "*girlfriend"* li kellu qabel u li ried "*break"*. L-intimata telqet bit-tfal u bdiet il-proceduri il-Qorti.

Darba minnhom waqt li t-tfal suppost kienu l-iskola, l-attur tella' l-itfal l-Qorti biex jixhdu. Xehdet illi t-tfal qalulha li missierhom u n-nanniet kienu ppromettewlhom li jixtrulu *Playstation*, kelb tar-razza Husky u go-kart lil CH apparti dak li qalu lil H. L-intimata xehdet li l-attur kien jiehu decizjonijiet dwar t-tfal minghajr ma jinformaha. Hekk gara bil-bdil tal-indirizz fuq l-ID Cards tat-tfal u bil-manuvra li biha l-attur pprova jaqta c-childrence' allowance tal-intimata.

Fil-fatt rapprezentanti tal-Labour Office kienu ghamlu *surprise visit* u sabu t-tfal reqdin ghand l-intimata, ghamlu tfittxija mad-dar sabiex jaraw jekk kien hemm il-hwejjeg tal-minuri fil-gwardarobbi taghhom.

L-intimata xehdet li l-genituri tal-attur qatt ma stmwaha jew rrispettawha. Qatt ma pprovaw jirrikoncilawhom.

Rigward il-karozza li xtrat H din thallset billi H hallset 600 Ewro. AG hareg 600 Ewro ohra waqt li hi u S hargu 300 Ewro ghall-insurance. Xi sena u nofs ilu, H kienet fethet qalbha mal-intimata u qaltilha li l-genituri tal-attur kienu jghidulha li l-intimata ma thobbhiex u thobb biss lil CH u l-intimata assikurata li hija thobb lill-ulieda l-istess.

Fis-16 ta' Frar 2023 il-Qorti semghet lil H in camera.

Din il-Qorti tqis li H hija tifla matura u ggalbatha hafna. Ghandha mpjieg tajjeb u ghamlet success sostanzjali fil-karriera taghha li mhux solitu jintlahaq minn persuna tal-eta zghira daqshekk.

Konfermat li ghandha relazzjoni tajba hafna ma ommha, kif ukoll ma missierha, mal-genituri tieghu.

Fehmet lill-Qorti l-arrangamenti dwar il-karrozzi u d-dizgwit li nqala fuq l-ID Card taghha.

**Ikkonsidrat:**

Din hija sentenza ta' separazzjoni personali wara talba maghmula mir-rikorrenti, li jikkontendi li l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-intimata minhabba adulterju,

sevizzi, eccessi, u adulterju kommessi minnha kontra tieghu li rrendew il-hajja konjugali impossibbli. L-intimata resqet kontrotalba fuq binarji simili.

Fir-rigward tal-eccessi, intqal illi dawn huma:

> ***"tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni Rik.nru: 265/2018 JPG 10 misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge". Baudry Lacantinerie jghallem illi "Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima."***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello*** deciza millPrim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Novembru 1999, u citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti diversament presjeduta:

> ***"fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f`dan ir-rigward, b`mod li jwassalha biex tirrikorri għal għand il-familjari tagħha għall-flus jew għal strataġemmi bħal ma jidher li wettqet l-attriċi, jammonta għal eċċessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili".***

Fir-rigward ta' sevizzi imbaghad, dawn gew definiti bhala:

> ***"dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."3 Filfatt, Baudry Lacantinerie jghallem illi "Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione". 4 Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 intqal illi "Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."***

Jinsab ritenut illi:

> ***"…mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjuġġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu tal-Kodiċi ivili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o 1 Fadda, Giurisprudenza, Art.150, para. 214. 2 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. 3 Giuseppa Agius vs Pacifiko Agius, Qorti tal-Appell Civili, deciza 10 ta' Dic cembru 1951. 4 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. Rik.nru: 265/2018 JPG 11 l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."***

Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-***ismijiet Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary sive Jimmy Montebello*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016 intqal illi:

> ***"Dan il-komportament abitwali [b'referenza ghal vjolenza fizika u morali] da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 talKodici Civili, stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali. Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili."***

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet ***AB vs CB*** deciza fit-28 ta' Gunju 2018, din il-Qorti diversament presjeduta kienet qieset illi l-fatt illi ragel tar-rikorrenti kien ihalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi hati ta' abbuz emozzjonali minhabba diversi offizi u nsulti da parti tieghu

kontra martu, irrendieh hati ta' sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta' martu u li ghalhekk kellu jerfa r-responsabbilita primarja ghat-tifrik taz-zwieg.

L-adulterju wkoll huwa motiv ghas-separazzjoni fil-Ligi Maltija u fil-fatt, il-Kodici Civili f'artikolu 38 jistipula:

***Kull parti mizzewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra".***

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jaghti prova taghha. F'dan l-istadju il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna** fejn ġie dikjarat li:

> ***"L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l- kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali. Huwa ormai pacificu fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika". (Vide ukoll Rita Spiteri vs Avukat Dr Albert V Grech et noe)***

Inghad illi peress li din il-kawzali hija wahda mill-aktar gravi, il-Qrati taghna jaghtu interpretazzjoni pjuttost ristretta.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat illi skont l-artikolu 51 tal-Kodici Civili:

> "***Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ,għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu."***

Is-separazzjoni personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, skond id-dispozzijonijiet tal-Kodici Civili, iġibu magħhom, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taz-zwieġ ai termini tal-

Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

***Kontijiet Bankarji:***

Din il-Qorti tosserva illi ma ngabu l-ebda provi ghar-rigward. Illi fid-dawl ta' dan, din il-Qorti tqis illi ghal kull buon fini, fl-eventwalita' li l-partijiet ghandhom kontijiet bankarji intestat f'isimhom, dawn ghandhom jigu assenjati lil dik il-parti li huma intestati fuqha.

Illi ulterjorment u fl-eventwalita' li hemm assi parafernali u/jew dotali, dawn ghandhom jigu restitwiti lil dik il-parti li jkunu jappartjenu. Illi *di piu,* din il-Qorti tordna illi fl-eventwalita' li parti jew ohra ghamlet jew dahlet ghal xi djun jew krediti ohra, anke jekk fiz-zwieg, dik il-parti li tkun dahlet f'dana l-obbligu ghandha b'mod esklussiv taghmel tajjeb hi ghal dan id-dejn, krediti u/jew obbligi.

**Kura u Kustodja tal-minuri**

Iz-zewg kontendenti qeghdin jitolbu li jigu fdati bil-kura u l-kustodja tal-minuri CH wild il-partijiet li ghandu appenda Y sena.

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [1] Fil-kawza ***Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli***[2] intqal:

> ***Jinghad illi l-kura tat-tfal komuni [tal-mizzewgin], sew fil-ligi antika u sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin sew***

[1] Enfazi tal-Qorti.
[2] Deciza 25/06/2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.

***meta l-jisseparaw ruhhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment.***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

***"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Illi fil-kawża fl-ismijiet ***Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless[3],*** il-Qorti kienet qalet illi:

***La cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitara col marito, deve essere commessa ed affidata a colui frai u conjugi che si rinconoscera piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla lora eta' ed a tutte le circostanza del caso sotto quei provvedimenti che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli.***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[4] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[5]

***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

---

[3] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil- 8 ta'Dicembru 1858.
[4] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[5] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[6] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

> ***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[7]

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[8]

> *"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".***[9]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

> ***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents***

---

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.
[7] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[8] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[9] Enfazi tal-Qorti.

***have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[10] Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

**Manteniment ghall-minuri:**

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

[10] Enfazi tal-Qorti.

***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew ilpensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din ilpersuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marina Galea vs Mario Galea*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-genitur li qed jrabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mcahhdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja tal-lum tikkunsidra bhala necessita` ghall-edukazzjoni u ghall-izvilupp taghhom."***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

***..........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mirresponsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu lintrojtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-mezzi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat.***

> ***IlQorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Il-Qorti rat illi kif ntqal fis-sentenza fl-ismijiet ***Audrey Buhagiar pro et noe vs Daniel Schembri*** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Mejju 2015, liema ragunament kien gie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016:

> ***"Il-Qorti qieghda tikkunsidra wkoll rilevanti il-fatt illi l-omm ghandha l-kustodja tat-tifla peress li tirrisjedi maghha. Dan l-istat ta' fatt min-natura tieghu jillimita l-potenzjal ta' kemm l-omm tista' ddum barra mid-dar sabiex tiggenera dhul."***

Din il-Qorti taghraf ukoll illi t-trobbija tal-ulied mill-genitur li mieghu jew maghha jirrisjedu diga giet rikonoxxuta mill-Qrati Maltin bhala kontribut versu l-manteniment dovut ghalihom skont il-ligi. Kif jinghad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deciza millQorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> ***"tenut kont tal-fatt li, t-tfal qed ikunu aktar mal-attrici milli mal-konvenut, loneru tat-trobbija waqa' kwazi kollu fuqha u minn dan l-aspett hija qed taghti kontribut sostanzjali, inkluz dak mhux finanzjarju, ghal-manteniment taghhom."***

**Ikkunsidrat:**

Il- Qorti tibda biex tindirizza kwistjoni ta' natura procedurali qabel ma tezamina il-kaz fl-meritu. Jirrizulta illi minkejja li fil-verbal a Fol 143, l-attur ddikjara li ghajr ghall-affidavit qasir tieghu u skeda ta' meta t-tfal jorqdu ghand in-nanniet, ma kellux aktar provi x'jipproduci, huwa ghazel li jezebixxa diversi affidavits, immagini u ritratti minghajr ebda awtorizazzjoni ta' din il-Qorti.

Il-Qorti ghaldaqstant, tammetti bhala prova Dok AG1 affidavit, Dok AG2 skeda tal-granet li t-tfal allegatament raqdu ghand il-genituri tal-attur izda tordna l-isfilz ta; Dok AG 3,4,5,6 u 7 – cioe minn fol 155 sa 209. Di piu' tordna l-isfilz ta Dokumenti CG1 – 2022 sa CG4 -22, liema dokumenti gew prodotti mill-attur **fil-kors tax-xhieda tal-intimata minghajr l-awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti u dana fl-istadju fejn l-intimata kienet pproduciet l-provi kollha taghha u l-kawza kienet differita ghad-dikjarazzjoni tal-gheluq tal-provi taghha u ghal trattazzjoni finali li sehhew fis-seduta sussegwenti.**

**Ikkunsidrat:**

Mix-xhieda dijametrikament opposta tal-kontendenti, u tal-genituri tal-attur, jirrizulta li t-tifrik ta' dan iz-zwieg sehh kawza ta indhil mill-genituri tal-attur; genituri li rabbewh **bhala persuna intitolata**, genituri li ghadhom jikkonsidraw lill-attur bhala "it-tifel", tifel li ghadhom jaqdu u jservu minkejja l-eta avvanzata taghhom.

In fatti, minkejja dak minnu dikjarat, l-attur missier qatt ma indokra lit-tfal tieghu huwa stess izda ddelega t-trobbija shiha taghhom lill-genituri anzjani tieghu.

Il-Qorti ezaminat u fliet bir-reqqa l-allegazzjonijiet kollha maghmulha mill-attur u l-genituri tieghu fuq l-intimata, u tqis illi l-attur ma rnexxielux jipprova sal-livell probatorju rikjest mill-ligi l-adulterju tal-intimata ghaliex naqas milli jipproduci xhieda indipendenti dwar dan u x-xhieda tal-attur hija wahda kontradetta minnu stess u mhijiex verosimili. Minkejja li jallega li l-intimata kellha relazzjoni ma MAM u AK, l-attur naqas li jharrku bhala xhud tieghu. Minkejja li jallega li l-familja tal-intimata kienu jafu bl-adulterju tal-intimata – b'mod specjali ghaz-ziju GB, ebda wahda minn dawn x-xhieda ma gew imharrka mill-attur biex jaghtu t-testimonjanza taghhom. Il-Qorti tinnota di piu' li skont dak allegatament rrapportat minn GB, l-intimata kellha relazzjoni ma' Ingliz u mhux ma MAM.

Minkejja li l-attur jsostni li kellu prova sgaccanti mill-messaggi tal-mobile tal-intimata, dawn ma gewx esebiti minnu – u l-immagini li gew esebiti minnu eventwalment, kienu fuori l-istadju tal-provi tal-attur u ghaldaqstant gew sfilzati mill-Qorti.

Di piu l-attur naqas milli jipproduci membri tal- puluzija sabiex jezebixxi r-rapporti tal-Pulizija maghmula mill-istess attur. Illi l-kopji tar-rapporti tal-Pulizija esebiti minnu minghajr

konferma minn membri tal-Korp tal-Pulizija, ma ghandhom ebda valur probatizju. Di piu', jirrizulta mix-xhieda tal-attur, illi l-kontendenti kienu cedew u rrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali kontra xulxin. Ghalhekk lanqas hawn ma ghandha komfort il-Qorti ta' provi legali.

Wahda mill-aghar episodji fil-hajja ta' din il-familja, kienet il-cosidetta abbus sesswali prattikat fuq il-minuri CH rapporta mill-genituri tal-attur u l-attur – li wara investigazzjoni daparti tal-Puluzija, irrizulta li t-tifel ma ghamel ebda allegazzjoni kif allegat mill-attur u n-nanniet paterni.

In oltre, il-genituri tal-attur taw x'jifhem li t-trawma tal-abbuz sesswali kienet il-kagun tal-*hair-loss* jew *alopicia* tat-tifel u l-hsibijiet ta' suwicidju tieghu, meta fir-realta' t-tifel kien qed jigi intimidat (*bullied)* l-iskola u kien dispjacut hafna bit-tifrik taz-zwieg tal-genituri tieghu-fatti li kienu ben maghrufa lill-genituri tal-attur.

Dak li jirrizulta lill-Qorti hu, li minkejja li l-attur kien jispicca mix-xoghol fis-2.00 p.m. kulljum, kienu l-genituri tieghu li hadu hsieb it-tfal tieghu meta kienu jirritornaw minn dar ommhom. Ghalhekk, l-attur iddelega ir-responsabbilitajiet tieghu versu t-tfal lill-genituri tieghu sabiex huwa jkollu l-hin kollu ghall-passatempi tieghu ta' tlielaq tad-*drifting*, loghob fuq il-*playstation* ma shabu u sieghat shah fuq *il-computer*.

Minn naha l-ohra, l-intimata, ghalkemm temmen li l-attur kellu diversi relazzjonijiet ma diversi nisa matul iz-zwieg, naqset ukoll milli tipproduci xhieda indipendenti dwar dan. Hekk per ezempju naqset milli tipproduci it-tifel tas-sid ta' tas-socjeta' V jew l-gharusa tieghu dwar ir-relazzjoni tal-attur mat-tfajla Tedeska u naqset illi tipproduci lill-ohtha dwar dak li suppost rat ohtha fir-relazzjoni "tal-attur mal-kugina tal-intimata" jew lill-familjari taghha biex jaghtu t-testimonjanza taghhom f'dan il-kaz.

Hemm ix-xhieda ta' missier l-attur AG li jammetti li l-attur kellu relazzjoni ma' nisa ohra cioe' ma D u ma zewg nisa ohra fiz-zwieg. Illi l-Qorti pero' taghraf li ma tantx tista' tistrieh, in konxjenza, fuq it-testimonjanza ta' AG.

Is-suspetti gravi bejn il-kontendenti dwar il-fedelta o meno taghhom kif ukoll l-ghawwi tal-genituri tal-attur li qatt ma accettaw lill-intimata ghax dehrilhom li ma kienetx tixraq lit-tifel taghhom, irrendew il-hajja matrimonjali bejniethom insapportabbli u tossika. Di piu' il-Qorti

rat illi l-hinijiet twal tax-xoghol b'shift u l-part-time jobs li l-intimata kienet kostretta taghmel sabiex tghajjex lilha nfisha u lil uliedha ma ghenux is-sitwazzjoni anzi taw aktar sahha u poter lill-genituri tal-attur fuq it-tfal tal-kontendenti. Di piu' l-attrici ghandha temperament xi ftit jew wisq *volatile* li lanqas ma kien ta' beneficcju ghal dan iz-zwieg sfortunat.

**Il-Qorti tassumi li l-kwistjoni ta' infedilta ta' entrambi kontendenti kienet wahda reali izda mhix wahda li giet sodisfacentement ippruvata skont il-Ligi.**

Illi ghaldaqstant il-Qorti tqis li entrambi l-kontendenti jahtu ghat-tifrik taz-zwieg bil-htija ugwali. Ghal dak li jirrigwardja l-kommunjoni tal-akkwisti, huwa evidenti li l-unika prova, jekk wiehed jista' jsejhilha prova, li gabu l-kontendenti, kienet tirrigwardja d-dar matrimonjali. Din inxtrat miz-zewg partijiet matul iz-zwieg u jirrizulta mill-provi li z-zewg partijiet hallsu sehmhom mill-loan repayment u mill-insurance, ghalkemm rigward il-pagamenti tal-insurance dan tal-ahhar sar b'diffikulta', izda sar. Il-Qorti rat ukoll li l-attur naqas li jgib prova tax-xoghlijiet li ghamel fuq id-dar matrimonjali biex issir abitabbli u l-valur taghhom, kif del resto naqset l-intimata li ggib stima tax-xoghlijiet ta' riparazzjoni u manutenzjoni fuq id-dar matrimonjali li wettqet hi fil-mori tal-kawza. Ghalhekk il-Qorti tqis li l-valur tax-xoghlijiet mwettqa mill-kontendenti fuq id-dar matrimonjali jikkancellaw lil xulxin.

Ebda prova bankarja dwar akkonti bankarji individwali tal-kontendenti ma ngabet ghajr il-loan repayments u insurance payments daparti tal-attur.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis li d-dar matrimonjali ghandha tigi assenjata liz-zewg kontendenti fi kwoti indaqs u l-Qorti tqis li l-intimata ghandha tibqa' tirrisjedi fiha ma uliedha esklussivament ghall-perjodu ta' ghaxar snin mid-data ta' din is-sentenza u wara dan, id-dar titqieghed fuq is-suq ghall-bejgh u wara li jithallsu l-loans bankarji u spejjez u taxxi ancillari, ir-rikavat ghandu jinqsam ugwalment bejn il-partijiet. Il-kontendenti huma tenuti li jibqghu jhallsu sehmhom mill-bank loan fuq id-dar matrimonjali sakemm tinfeda l-loan jew tinbiegh id-dar.

Kull parti ghandha zzomm il-kontijiet bankarji intestati f'isimha u kull parti hija responsabbli ghal dejn kontratt minnha minghajr il-kunsens jew firma tal-kontro-parti.

Ghar-rigward vetturi, fl-assenza ta' provi indipendenti mill-kontendenti, il-Qorti tqis li ghandha, ghal kull bon fini, tassenja kull vettura intestata f'isem l-attur, lill-attur u kull vettura

intestata fuq l-intimata lill-istess intimata. Di piu' l-kontendenti ghandhom xahar zmien biex jikkonsenjaw proprjeta parafernali mobbli fil-pussess taghhom li tappartjeni lill-parti l-ohra.

Ghar-rigward tat-tifel CH il-Qorti taghraf illi dan it-tifel ghandu appena Y sena u tqis li jkun fl-ahjar interess tieghu li, waqt il-kura u kustodja tieghu tibqa wahda kongunta bejn il-partijiet, ir-residenza primarja tieghu tkun akkordata f'idejn l-intimata, b'access liberu lill-attur. Il-Qorti thallieha f'idejn l-istess minuri biex jaghzel meta u kif ghandu jara lil missieru u n-nanniet tieghu.

Gjaladarba din il-Qorti temmen illi l-minuri ser iqatta' parti sostanzjali taz-zmien ghand entrambi genituri, il-Qorti tqis illi waqt li kull parti ghandha tkun responsabbli ghall-manteniment ta' dan il-minuri meta jkun maghhom, il-Qorti qeghda tipprelikwida somma ta' mitejn Ewro (200) fix-xahar bhala spejjez ta' edukazzjoni u sahha li l-attur ghandu jhallas lill-intimata sakemm it-tifel jaghlaq tmintax-il sena jew sakemm jaghlaq tlieta u ghoxrin sena f'kaz li jibqa' jistudja full-time.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta u tiddeciedi dwar it-talbiet tal-attur u l-kontro-talba tal-intimata billi:

1. ***Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tal-intimata rikonvenzjonata u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan bi htija ugwali tal-partijiet ghat-tifrik taz-zwieg.***

2. ***Tilqa' t-tieni talba u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet u tiddividi il-kommunjoni tal-akkwisti kif ser jinghad u tordna illi:***

***(i)*** ***Id-dar matrimonjali cioe' 119, Flat 2, Triq Pietru Pawl Caruana, Cospicua, ghandha tigi assenjata liz-zewg kontendenti fi kwoti indaqs u l-Qorti tqis li l-intimata ghandha tibqa' tirrisjedi fiha ma uliedha ghall-perjodu ta' ghaxar snin mid-data ta' din is-sentenza u wara dan, id-dar titqieghed fuq is-suq u in segwitu tal-bejgh u wara li jithallsu l-loan bankarju u spejjez u taxxi ancillary, ir-rikavat ghandu jinqsam ugwalment bejn il-partijiet. Il-kontendenti huma tenuti li jibqghu jhallsu sehmhom mill-bank loan fuq id-dar matrimonjali sakemm jinfeda l-loan jew tinbiegh id-dar.***

*(i)* ***Kull parti ghandha zzomm il-kontijiet bankarji intestati f'isimha u kull parti hija responsabbli ghal dejn kontrattat minnha minghajr il-kunsens jew firma tal-kontro-parti.***

*(ii)* ***Ghar-rigward vetturi, fl-assenza ta' provi indipendenti prodotti mill-kontendenti, il-Qorti tqis li ghandha, ghal kull bon fini, tassenja kull vettura intestata f'isem l-attur lill-attur u kull vettura intestata f'isem l-intimata lill-istess intimata.***

*(iii)* ***Di piu' l-kontendenti ghandhom xahar zmien biex jikkonsenjaw proprjeta mobbli parafernali fil-pussess taghhom li jappartjeni lill-parti l-ohra.***

3. ***Tichad it-tielet talba tal-attur in vista tal-fatt illi l-intimata dejjem hadmet u ghadha tahdem u ghaldaqstant ma tirrikjedi ebda manteniment daparti ta zewgha u vice versa.***

4. ***Tichad ir-raba' talba tal-attur ghar-ragunijiet fuq indikati.***

5. ***Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ta' kura u kustodja fejn si tratta ta H li llum il-gurnata hija maggjorenni u tordna li hu fl-ahjar interess tal-minuri CH li l-kura u kustodja ta' dan il-minuri tibqa' wahda kongunta bejn il-partijiet u tordna li r-residenza ordinarja tieghu tkun mal-intimata ommu b'aċċess liberu ghall-attur u l-Qorti thallieha f'idejn l-istess minuri li ghadu kemm ghalaq 15-il sena biex jaghzel kif u meta ghandu jara lil missieru u lin-nanniet tieghu.***

6. ***Ghar-rigward tat-talba ghall-manteniment ta' CH il-Qorti temmen li l-minuri ser iqatta' parti sostanzjali ta' zmien ghand entrambi genituri, ghaldaqstant tqis illi kull parti ghandha tkun responsabbli ghall-manteniment ta' CH meta jkun maghhom. Di piu' il-Qorti qeghda tiprelikwida is-somma ta' mitejn Ewros (200) fix-xahar bhala spejjez ta' sahha u edukazzjoni ta' dan il-minuri u tordna lill-attur ihallas lill-intimata dan l-ammont mensili sakemm it-tifel jaghlaq 18-il sena jew sakemm jaghlaq 23 f'kaz li jibqa' jistudja full-time. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-manteniment ta' H li illum hija maggjorenni u f'impjieg regolari.***

7. ***It-talbiet tal-attur u t-talbiet tal-intimata rikonvenzjonata, flimkien mal-eccezzjonijiet taghhom, qed jigu milqugha jew michuda kif fuq indikat.***

***Il-Qorti tordna li kull parti thallas l-ispejjez taghha.***

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**